A.L. 39 ta' l-2007

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
(KAP. 435)

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, u bl-artikolu 214 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu. A. L. 79 ta' l-2006.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) it-tifsira ta' "carnet de chasse" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "*carnet de chasse*" tfisser permess maħruġ skond il-kriterji murija fl-Iskeda IV, liema permess jinkludi wkoll ċensiment annwali ta' għasafar ikkaċċjati u, jew meħuda mis-selvaġġ skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;";

(b) it-tifsira ta' "ċurkett magħluq" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "ċurkett magħluq" tfisser kurċett sħiħ li ma jkollux qata' jew qtugħ, u li ma jkunx jista'jiġi mlibbes fis-sieq tal-għasfur ħlief meta dan ikun ta' ftit ġranet, liema ċurkett ikun ġie aprovat mid-Direttur;";

(ċ) it-tifsira ta' "għasafar ta' l-għana" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "fringillidae" tfisser għasafar li jappartjenu lill-

ispeċi li ġejjin:

Fringilla coelebs (sponsun), *Serinus serinus* (apparell), *Carduelis chloris* (verdun), *Carduelis carduelis* (gardelll), *Carduelis cannabina* (ġojjin), *Carduelis spinus* (ekru), *Coccothraustes coccothraustes* (taż-żebbuġ);";

(d) it-tifsira ta' "ċomb" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"ċomb" tfisser projettili magħmula miċ-ċomb, *bismuth*, tangsten jew azzar, u kull liga jew materjal ieħor ta' kull għamla u daqs, li bih ikun mimli skartoċċ, iżda ma jinkludix porvli u stoppa;"; u

(e) it-tifsira ta' "staġun miftuħ" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "staġun miftuħ" tfisser, dwar il-kaċċa u t-teħid tal-għasafar, dawk il-perjodi kif stabbiliti mill-Ministru skond ir-regolament 10(6), li fihom huma permessi l-kaċċa u t-teħid tal-għasafar;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-verżjoni bil-Malti tas-subregolamenti (1) u (2)(b) u (d) tiegħu minflok il-kliem "abitat tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "ambjent naturali tagħhom"; u

(b) fis-subregolament (5) tiegħu minflok il-kliem "li jimmarkaw" għandhom jidħlu l-kliem "li jiddelinejaw".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) ir-regolament preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subregolament (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:-

"(2) Kull minn bi ħsiebu jittrasferixxi jew b'xi mod ieħor jiddisponi minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament (1)(e) għandu jagħmel dan wara talba lid-Direttur li għandu, fid-diskrezzjoni tiegħu, jawtorizza bil-miktub dak it-trasferiment jew id-disponiment.".

5. Minnufih wara s-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej: Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

"(3) Ebda persuna ma għandha:

(a) tikkaċċja fuq l-art xi għasfur ħlief dawk elenkati fit-Taqsima A ta' l-Iskeda II; u

(b) tikkaċċja fuq il-baħar xi għasfur ħlief dawk elenkati fit-Taqsima B ta' l-Iskeda II.".

6. Fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "inkluż" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "li jkun fih". Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-verżjoni bil-Malti tas-subregolament (3) tiegħu -

(i) il-paragrafu (ċ) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) L-organizazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (d) u (e) għandu jkollhom vot kull wieħed;";

(ii) il-paragrafu (d) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Il-membri l-oħra tal-Kumitat m'għandu jkollhom ebda vot;";

(iii) il-paragrafu (e) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Il-Ministru għandu jaħtar persuna biex taġixxi bħala Segretarju tal-Kumitat.";

(b) fis-subregolament (6) tiegħu -

(i) fil-paragrafi (a) u (b) tiegħu l-kelma "sitt" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "erba";

(ii) fil-proviso preżenti li hemm mas-subregolament sħiħ, minnufih wara l-kelma "Iżda" għandha tiżdied il-kelma "wkoll", u minnufih qabel il-proviso preżenti għandha tiżdied din il-proviso ġdida li

ġejja:

"Iżda d-Direttur jista', skond ma jkun meħtieġ, jagħmel referenza lill-Kumitat Ornis dwar il-funzjonijiet tiegħu elenkati fil-paragrafi ta' dan is-subregolament għall-kunsiderazzjoni tiegħu. Il-Kumitat Ornis għandu jiddeċiedi dwar dik ir-referenza u jagħmel ir-rekomandazzjonijiet tiegħu lid-Direttur jew lill-Ministru, skond ma jkun meħtieġ, fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta ssir ir-referenza lill-Kumitat.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fis-subregolament (1) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "għall-kaċċa" għandhom jidħlu l-kliem "għall-għasafar".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

9. Fir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "tfittex jew iddur għall-kaċċa" għandhom jidħlu l-kliem "tfittex jew iddur għall-għasafar".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem ", meta tkun qiegħda tfittex jew iddur għal kaċċa," għandhom jitħassru;

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "kif permess skond dawn ir-regolamenti" għandhom jitħassru; u

(ċ) fil-verżjoni bil-Malti tal-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "kemm-il darba ma jkollhiex fuqha l-karta ta' l-identità tagħha jew xi mezz ieħor rikonoxxut ta' identifikazzjoni u l-liċenza adatta għal dik l-attività maħruġa lilu taħt dawn ir-regolamenti jew taħt xi liġi oħra:" għandhom jitneħħew mill-imsemmi paragrafu (b) u jitqiegħdu bħala paragrafu separat minnufih wara l-imsemmi paragrafu (b).

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

11. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (e) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "għall-kaċċa tat-tjur", għandhom jidħlu l-kliem "għat-teħid ta' għasafar";

(b) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (f) tas-subregolament (1) tiegħu minflok il-kliem "fl-Iskeda II" għandhom jidħlu l-kliem "fit-Taqsima B ta' l-Iskeda II";

(ċ) fis-subparagrafu (vi) tal-paragrafu (f) tas-

subregolament (1) tiegħu minflok il-kliem "fl-Iskeda II" għandhom jidħlu l-kliem "fit-Taqsima B ta' l-Iskeda II"; u

(d) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "żona abitata oħra" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew xi waħda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII,".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

12. Fil-verżjoni bil-Malti tas-subregolament (1) tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kelma "persuna," għandha tidħol il-kelma "persuna" u minflok il-kliem "qabel inżul" għandhom jidħlu l-kliem "wara nżul".

Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

13. Fir-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "minn 3.2mm" għandhom jidħlu l-kliem "minn 3.3mm".

Jemenda r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

14. Ir-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) is-subparagrafu (d) tas-subregolament (1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) li tikkonfoffa jew tittanta, jew tgħin, tħajjar, tagħti pariri jew flus lil xi ħaddieħor biex jikser xi disposizzjonijiet bħal dawk (inkluża ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti), jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti,";

(b) minnufih wara s-subparagrafu (d) tas-subregolament (1) għandhom jiżdiedu l-kliem li ġejjin f'paragrafu ġdid "tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti.";

(ċ) is-subregolament (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4(b), 15, 18 (1)(f)(ii)(aa), u 24 tista' teħel:

(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn mitt lira (Lm100) iżda mhux iżjed minn elfejn lira (Lm2,000) u l-konfiska tal-*corpus delicti.*

Il-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sena iżda mhux aktar minn tliet snin;

(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (Lm200) iżda mhux iżjed minn erbat elef lira (Lm4,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahrejn iżda mhux iktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti.*

Il-Qorti għandha wkoll torda r-revoka permanenti ta' kull liċenza jew permess, maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija:

Iżda kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament mhux imsemmi f'dan is-subregolament, liema reat jinvolvi xi għasfur inkluż fl-Iskeda I, jew jikkaċċja jew jittanta jikkaċċja, jieħu jew jittanta jieħu għasafar mill-ixtajtiet elenkati fl-Iskeda VII, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament."; u

(d) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament ieħor mhux imsemmi fis-subregolament (2) u l-proviso tiegħu rispettivament, teħel meta tinsab ħatja:

(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn mitt lira (Lm100) iżda mhux iżjed minn elf lira (Lm1,000);

(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (Lm200) iżda mhux iżjed minn elfejn lira (Lm2,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*:

Iżda l-Qorti tista' wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenza jew tal-permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sena iżda mhux aktar minn tliet snin:

Iżda wkoll kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu

għasafar mingħajr liċenza valida tista' teħel il-pieni imniżżlin fis-subregolament (2)(b) u meta dik il-liċenza tkun ġiet revokata b'mod permanenti skond is-subregolament (2)(b), meta tinsab ħatja, tista' teħel multa ta' mhux anqas minn tliet elef lira (Lm3,000) iżda mhux iżjed minn sitt elef lira (Lm6,000) u priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena iżda mhux iżjed minn sentejn.".

Jemenda r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali.

15. Ir-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) l-ewwel proviso għandu jitħassar; u

(b) fit-tieni proviso il-kelma "wkoll" għandha titħassar.

Jemenda l-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali.

16. Minflok il-kliem "SKEDA I" fl-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"SKEDA I

Speċi ta' għasafar soġġetti għal miżuri ta' konservazzjoni speċjali li jirrigwardaw l-ambjent naturali tagħhom".

Jissostitwixxi l-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali.

17. Minflok l-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali għandha tidħol l-Iskeda li ġejja:-

"SKEDA II

TAQSIMA A

Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati jew meħuda mill-art

GALLIFORMES

Phasianidae

Coturnix coturnix

GRUIFORMES

Rallidae

Rallus aquaticus

Gallinula chloropus

Fulica atra

CHARADRIIFORMES

Charadriidae

Pluvialis apricaria

Pluvialis squatarola

Vanellus vanellus

Scolopacidae

Philomachus pugnax

Lymnocryptes minimus

Gallinago gallinago

Scolopax rusticola

COLUMBIFORMES

Columbidae

Columba palumbus

Streptopelia turtur

PASSERIFORMES

Aluadidae

Alauda arvensis

Turdidae

Turdus merula

Turdus pilaris

Turdus philomelos

Turdus iliacus

Turdus viscivorus

Sturnidae

Sturnus vulgaris.

TAQSIMA B

Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati mill-baħar

ANSERIFORMES

Anatidae

Anser fabalis

Anser anser

Anas penelope

Anas strepera

Anas crecca

Anas platyrhynchos

Anas acuta

Anas querquedula

Anas clypeata

Aythya ferina

Aythya fuligula

Mergus serrator".

Jemenda l-Iskeda III tar-regolamenti prinċipali.

18. L-Iskeda III tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) minnufih wara l-kliem "L-Iskeda III(a)" għandu jiżdied dan li ġej:

"Speċi ta' għasafar li dwarhom huma permessi l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 6(1)"; u

(b) minnufih wara l-kliem "L-Iskeda III(b)" għandu jiżdied dan li ġej: -

"Speċi ta' għasafar li dwarhom l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 6(1) għandhom jiġu regolati".

Jissostitwixxi l-Iskeda IV tar-regolamenti prinċipali.

19. Minflok l-Iskeda IV tar-regolamenti prinċipali għandha tidħol l-Iskeda li ġejja:-

"SKEDA IV

Carnet de Chasse

1. Il-*Carnet de* Chasse huwa dokument li għandu jingħata t-titolu ta' u s-sena li fiha dan id-dokument jista' jintuża għandha tiġi speċifikata.

2. Il-*Carnet de Chasse* għandu jiġi ppubblikat kull sena.

3. Il-*Carnet de Chasse* għandu jiġbor fih lista ta' l-ispeċi kollha ta' għasafar li jistgħu jiġi kkaċċjati u, jew meħuda.

4. Il-*Carnet de Chasse* għandu jkun fih il-ġimgħat u xhur, ta' dik is-sena li għaliha l-*Carnet de Chasse* ikun ġie maħruġ, li fihom il-persuni liċenzjati biex jikkaċċjaw u, jew jieħdu għasafar ikunu kkaċċjaw u, jew ħadu l-għasafar speċifikati fil-lista ta' l-ispeċi li jistgħu jiġu kkaċċjati u, jew meħuda.

5. Il-persuna liċenzjata biex tikkaċċja għasafar għandha tindika, fuq il-*Carnet de Chasse*, l-ammont totali ta' għasafar kkaċċjati u, jew meħuda f'kull ġimgħa ta' kull xahar li fih il-kaċċa u, jew it-teħid huma permessi kif ukoll it-total ta' għasafar ikkaċċjati u, jew meħuda matul dik is-sena kollha.

6. Kull persuna liċenzjata biex tikkaċċja u, jew tieħu għasafar għandha tindika fuq il-*Carnet de Chasse* jekk tikkaċċjax mill-art jew mill-baħar.

7. Kull persuna liċenzjata biex tikkaċċja u, jew tieħu għasafar għandha wkoll tindika b'mod xieraq fl-eventwalità li dik il-persuna liċenzjata biex tikkaċċja u, jew tieħu għasafar ma tkunx ikkaċċjat u jew, ma tkunx ħadet għasafar matul is-sena speċifika indikata fil-*Carnet de Chasse.*

8. Kull persuna li jkollha liċenza biex tikkaċċja u, jew tieħu għasafar għandha tniżżel isimha sħiħ u kunjoma, flimkien ma' l-indirizz tar-residenza tagħha u n-numru tal-karta ta' l-identità tagħha fuq l-istess *Carnet de Chasse* għal skopijiet ta' riferenza.".

Jissostitwixxi l-Iskeda VII tar-regolamenti prinċipali.

20. Minflok l-Iskeda VII tar-regolamenti prinċipali għandha tidħol l-Iskeda li ġejja:-

"SKEDA VII

Xtajtiet protetti taħt ir-Regolament 18(2)(a)

1. Ix-xtajtiet kollha u kull żona oħra fejn wieħed jista' jgħum li jinsabu f'200 metru minn xi raħal jew villaġġ, jew xi żona abitata oħra, jew f'distanza ta' 50 metru minn triqat prinċipali jew arterjali.

2. Mingħajr ħsara għal dak li intqal qabel, fi ħdan id-delinjazzjoni tax-xtajtiet li ġejjin u sa 50 metru 'l barra mil-linji ta' delinjazzjoni skond il-pjanti mehmuża:

Malta:

a. Il-Bajja ta' l-Armier, skond il-pjanta mehmuża;

b. Il-Prajjiet (Anchor bay), skond il-pjanta mehmuża;

ċ. Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa, skond il-pjanta mehmuża;

d. Ir-Ramla taċ-Ċirkewwa (Paradise Bay), skond il-pjanta mehmuża;

e. Il-Bajja tal-Ġnejna, skond il-pjanta mehmuża;

f. Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay), skond il-pjanta mehmuża.

Għawdex:

a. Il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini, skond il-pjanta mehmuża;


b. Ir-Ramla l-Ħamra, skond il-pjanta mehmuża;


ċ. Il-Bajja ta' San Blas, skond il-pjanta mehmuża;

d. Ix-Xatt l-aħmar, skond il-pjanta mehmuża;


e. Il-Bajja tax-Xlendi, skond il-pjanta mehmuża.


B 488


Il-Bajja ta' l-Armier/Armier Bay
S.S. Nos 4082,4083,4282,4283
N
Torri ta' l-Armier
Barriera ta' L-Ahrax
Barriera ta' l-Ahrax
0
0.035
0.07
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority
http://www.ecpa.org.mt


Il-Prajjiet/Anchor Bay
S.S. Nos 4079, 4080
N
Il-Prajjet
Il-Prajjet
0
0.025
0.05
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority

B 490



Ir-Ramla ta' Ghajn Tuffueha/Ghajn Tuffieha Bay
S.S. Nos 4076
N
IT-TORRI TA' GHAJN TUFFIEHA
Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa
0
0.03
0.06
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Ir-Ramla tac-Cirkewwa/Paradise Bay
S.S. Nos 3882, 4082
N
Ir-Ramla tac-Cirkewwa
0
0.03
0.06
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority
http://www.mepa.org.mt

B 492



Il-Bajja tal-Gnejna/Gnejna Bay
S.S. Nos 4075
N
Il-Bajja tal-Ġnejna
Ta' Żammitellu
Rdum l-Imdawwar
WATERCOURSE
0
0.03
0.06
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Ir-Ramla tal-Mixquqa/Golden Bay
S.S. Nos 4076, 4077
N
-Mixquqa
RAMLA
IMPJANT TAD-DRENAGG
Ir-Ramla tal-Mixquqa
0
0.03
0.06
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority
http://www.mepa.org.mt



Il-Bajja ta' Mgarr ix-Xini/Mgarr ix-Xini Bay
S.S. Nos 3486
N
Ta' Ghama
Mgarr ix-Xini
Il-Bajja ta' Mgarr ix-Xini
Wied Sabbar
0
0.04
0.08
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority
Il-Ponta ta' l-Iskandlu


Ir-Ramla l-hamra
S.S. Nos 3490, 3491, 3690, 3691
N
Ir-Ramla
Irdum tal-Mertu
Tar-Ramla
Triq Ir-Ramla
Wied Ghajn Wazir
Ta' Venuta
Il-Bajjada
L-Iżprun
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority

B 496


Il-Bajja ta' San Blas/San Blas Bay
S.S. Nos 3690, 3691
N
Il-Bajja ta' San Blas
San Blas
0
0.03
0.06
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority
MEPA


Ix-Xatt l-Ahmar
S.S. Nos 3486, 3686
N
Għolja tat-Tafal
Xatt l-Aħmar
Il-Ponta tal-Mellieħa
0
0.02
0.04
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Il-Bajja tax-Xlendi/Xlendi Bay
S.S. Nos 2887
N
Ghar
TRIQ GHAR TA' KAROLINA
TRIQ IL-GOSTRA
TRIQ IL-MADONNA TAL-KARMNU
TRIQ SANT' INDRIJA
XATT IX-XLENDI
TRIQ IR-RABAT
XLENDI
PJAZZA L-ANFORI
Għar ta' Karolina
Il-Bajja tax-Xlendi
TRIQ SAN XMUN
TRIQ IL-PUNICI
TRIQ IL-BIZANTINI
TRIQ IL-OSAJJAM
0
0.025
0.05
Kilometers
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment and Planning Authority
http://www.mepa.org.mt

"